MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1840/2000/1

**Karl Gaffiero**

**Vs**

**Sovereign Hotels Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi huwa kreditur tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' Lm6,288.85 (sitt elef mitejn u tmienja u tmenin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu) in kwantu ghas-somma ta' Lm2,038.85 rapprezentanti arretrati ta' paga u kwantu ghas-somma ta' Lm4,250 rappresentanti bilanc lilu dovut ghal bonuses skond ftehim milhuq ma' rappresentanti ta' l-istess socjeta' f'Dicembru, 1999.

U premess illi minkejja li s-socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi mill-attur sabiex thallas, din baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti:

1. tikkundanna s-socjeta’ konvenuta thallas is-somma totali ta’ Lm6,288.85 (sitt elef mitejn tmienja u tmenin lira maltin u hamsa u tmenin centezmu) kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 29 ta’ Awissu, 2000, mandat ta’ sekwestru numru 3089/2000 u bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru minn notifika tal-fuq imsemmija ittra ufficjali kontra s-socjeta’ konvenuta li tibqa’ ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet** tas-socjeta’ konvenuta a fol. 10 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi a rigward tas-somma Lm2,038.85 kien l-attur stess li ma accettax il-hlas tas-somma rapprezentanti arretrati ta’ paga a saldu tal-pretensjonijiet tieghu, liema somma ex lege ma tistax tinzamm mis-sid ukoll jekk ikollu pretensjoni kontra l-impjegat tieghu, u dwar il-pretensjoni ta’ l-attur ghall-hlas tas-somma Lm4,250, peress illi ma kienx jezisti l-ftehim bejn is-socjeta’ konvenuta u l-attur kif allegat mill-attur.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat **il-kontro-talba tas-socjeta’ konvenuta** kontra l-attur fejn ipremettiet illi l-attur Karl Gaffiero kien impjegat mas-socjeta’ konvenuta Sovereign Hotels Limited fil-posizzjoni ta’ General Manager;

Premess illi waqt li kien impjegat mas-socjeta’ konvenuta bhala General Manager tal-lukanda “The Windsor Hotel”,

u cioe mill-1 ta' Jannar, 1995 sat-3 ta' Gunju, 2000, l-attur Karl Gaffiero kien negligenti, traskurat, inkompetenti u naqas fil-qadi ta' l-obbligi tieghu ta' General Manager bid-diligenza rikjesta mill-ligi;

Premess illi tort ta' dan, is-socjeta' konvenuta Sovereign Hotels Limited soffriet danni konsiderevoli kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi l-attur Karl Gaffiero ghalkemm interpellat biex ihallas id-danni sofferti mis-socjeta' konvenuta permezz ta' ittra ufficjali tas-7 ta' Settembru, 2000, xorta wahda baqa' inadempjenti;

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara illi huwa kien negligenti, traskurat, inkompetenti, u li naqas fil-qadi ta' l-obbligi tieghu ta' General Manager tal-lukanda "The Windsor Hotel", bid-diligenza rikjesta mill-ligi waqt li kien impjegat mas-socjeta' konvenuta;

2. tiddikjarah responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' konvenuta bhala rizultat tan-negligenza, traskuragni, u nuqqas da parti tieghu fil-qadi ta' dmirijietu li jezercita d-diligenza rikjesta mill-ligi kif ukoll inkompetenza.

3. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' konvenuta ;

4. Tikkundanna lill-attur ihallas lis-socjeta' konvenuta dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 7 ta' Settembru, 2000 kontra l-attur Karl Gaffiero li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta a fol. 13 tal-process.

Rat **in-nota tal-eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta** a fol. 16 fejn eccepixxa:

1. Illi d-domandi tas-socjeta' konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li l-eccipjent kien traskurat, inkompetenti, negligenti u naqas fl-obbligi tieghu bhala General Manager tal-Lukanda Windsor kif qed jigi allegat u ghaldaqstant ma jistax jinsab hati li kkaguna xi danni lis-socjeta' konvenuta.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat id-digriet a fol 22;

Rat il-provi migbura;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur qed jitlob is-somma ta' Lm6,288.85 in kwantu ghal Lm2,038.85 rapprezentanti arretrati ta' paga u kwantu ghal Lm4,250 rappresentanti bilanc lilu dovut ghal bonuses skond ftehim milhuq ma' rappresentanti ta' l-istess socjeta' f'Dicembru, 1999.

Il-konvenuti qed jeccepixxu li kwantu ghall Lm2,038.85 kien l-attur stess li ma accettax il-hlas tas-somma rapprezentanti arretrati ta' paga a saldu tal-pretensjonijiet tieghu, u dwar il-pretensjoni ta' l-attur ghall-hlas tas-somma Lm4,250, peress illi ma kienx jezisti il-ftehim bejn is-socjeta' konvenuta u l-attur kif allegat mill-attur.

Illi l-attur xehed li  skond il-kuntratt ta' impieg, klawzola (c) fol. 25 hemm indikat li oltre s-salarju fiss hu kien intitolat ghal *bonuses* skond il-livell ta' profitti tal-kumpanija.  Is-salarju kien ta' Lm6,500 fis-sena  u meta spicca fis-sena 2000 kien ta' Lm10,000.  Skond arrangament verbali ma Jean Borg hu kellu Lm10 petrol allowance.  L-uniku

ammont li rceva bhala bonus kien Lm1000 on account f'Dicembru, 1995. Din kienet l-unika darba li nhadem kemm kellu jiehu bonus. Hu ma kienx insista ghal hlas tal-*bonus* immedjatament billi l-istat tal-kumpanija kien hazin u kien jafda lil Jean Borg. Fil-1999 Taormina Holdings saret *shareholder* tal-kumpanija konvenuta. Jean Borg imbaghad kien irrezenja minn Managing Director. Hu kien iltaqa mieghu u fakkru fil-flejjes dovuti lilu bhala *bonuses* minghand il-kumpanija u talbu biex jew jithallas qabel ma hu jitlaq jew inkella javza lid-diretturi l-ohrajn b'din is-sitwazzjoni halli huma jkunu infurmati u eventwalment ihallsuh. Borg weghdu li kien ser jikkomunika dan il-fatt lid-diretturi l-ohrajn. Wara li ghadda certu zmiem u ma semgha xejn kellem lid-diretturi l-ohrajn u dawn qalulu li ma kienu jafu b'xejn. Wara diversi laqghat kienu qablu li jithallas l-ammont ta' Lm5,000 bhala *bonus* ghas-saldu, ghalkemm l-ammont proprja dovut lilu kien ta' Lm6,600 (ara propsett fol. 24). Huma kellhom ihallsu dana l-ammont bit-Lm250 fix-xahar ghal ghoxrin xahar. Dan l-ammont kellu jkopri *bonuses* sa l-ahhar tal-1999. Ma kienet saret ebda skrittura f'dan is-sens. Fil-bidu tas-sena 2000 hu rceva pagament ta' Lm250. Wara kienet saret laqgha mad-diretturi u dawn qalulu li kellu 38 guranta *leave outstanding* u qalulu biex johrog bil-*leave* u jidhol fit-2 ta' Gunju, 2000. Meta kien bil-*leave* ma rceviex pagamenti aktar ta' Lm250. Meta dahal f'Gunju ghax-xoghol u gie infurmat li l-impieg tieghu gie terminat minhabba *restructuring* - Dok fol. 18.

**Jean Borg** xehed li l-attur kien inghata *increments* pero' ma sar xejn bil-miktub u ma kienux jirriflettu l-artikolu C tal-kuntratt ta' impieg. L-attur kien inghata zieda ghalkemm il-kumpanija ma kinitx qed taghmel *net profit*. Waqt li kien Managing Director, l-attur kien inghata *bonus* jew tnejn, izda dan il-*bonus* ma kien jirrifletti bl-ebda mod l-*annual net profit* imsemmi fil-kuntratt ta' impieg. Qabel telaq mill-impieg l-attur kien kellmu u talbu biex jinforma lid-diretturi l-ohra li kien fadal xi ammonti ta' remunerazzjoni li l-attur kien qed jippretendi li kien dovut lilu. Hu kien kellimhom u aktar tard l-attur kien infurmah li kien lahaq ftehim maghhom f''dan ir-rigward.

**Ronald Azzopardi** xehed li meta ha *over* il-*management* tal-kumpanija kien wasal ghal arrangament ma l-attur li jhallsuh Lm5,000 bhala sehemu mill-profitti li s-socjeta' konvenuta kienet intrabtet li thallsu skond il-kuntratt ta' impieg tieghu u dana l-ammont kellu jithallas Lm250 fix-xahar. Meta rceva r-rapport tal-konsulent li kien qabbad biex jaghtih stampa cara tal-kumpanija, fuq parir tieghu ddecieda li ma jkompliex jonora dan il-kompromess li kien lahaq ma' l-attur billi ma kienux qed jigu registrati profitti u kien hemm ukoll mismanagement. Hu ma jafx kif kellhom jigu kalkolati l-profitti li kellu jithallas l-attur.

**Tikkunsidra**

Illi dwar l-arretrati tal-paga ma jidhirx li hemm dissidju bejn il-partijiet. L-attur ma kienx accetta l-pagament ta' dana l-ammont minghand il-konvenuti billi huma riedu jhallsuh dana l-ammont *in full and final settlement* tal-pretensjoni ta' l-attur, mentri l-attur kien qed jippretendi ukoll il-bonuses. Il-kwistjoni li ma qablux fuqha l-partijiet hija dwar il-bilanc dovut lill-attur bhala *bonus*.

Il-konvenuti qed isostnu fl-eccezzjoni taghhom li ma kien hemm ebda ftehim bejn is-socjeta' konvenuta u l-attur fuq xi pagament iehor izda mill-provi prodotti jirrizulta li fil-fatt kien hemm ftehim fejn il-konvenuti kienu accettaw li jhallsu lill-attur skond il-kuntratt ta' impieg tieghu ammont ta' Lm5,000 li kellu jithallas Lm250 fix-xahar. Il-konvenuti kienu wkoll bdew jattwaw dana l-ftehim u anke ghamlu xi pagamenti akkont ta' l-ammont miftiehem bi hlas rateali.

Kien biss wara li l-konvenuti rcevew ir-rapport tal-konsulent taghhom li huma ddeciedew li ma jonorawx dana l-ftehim billi sostnew li l-kumpanija ma kinitx ghamlet profitti u li kien hemm mismanagement.

Mix-xhieda ta' Ronald Azzopardi jirrizulta li l-konvenuti mhux qed jichdu li kien hemm dana l-ftehim. Izda issa qed jghidu li kellhom ragunijiet ghaliex ma jonorawx dana l-ftehim. Huma jsemmu zewg ragunijiet.

Dwar l-allegazzjoni li kien hemm mismanagement da parti ta' l-attur li hi wkoll il-kontrotalba tal-konvenuti li l-attur kien negligenti, traskurat u inkompetenti, il-konvenuti ma gabu lanqas prova wahda.

Dwar il-kwistjoni l-ohra ta' nuqqas ta' profitti, jirrizulta li skond Jean Borg, l-attur kien intitolat ghal *bonuses* billi l-paga li kien qed jippercepixxi ma kienitx adegwata ghax-xoghol li kien qed jaghmel u kien haqqu aktar u inghata *bonuses* anke meta ma kienx hemm profitti. Il-konvenuti dana rrikonoxxew u kienu waslu ghal ftehim imsemmi ta' Lm5,000 allavolja proprjament l-attur kien intitolata ghal aktar (ara prospett). Dwar l-andament tal-kumpanija, l-konvenuti messhom raw dan qabel ma waslu ghal xi arrangament ma' l-attur. Huma kienu jafu bis-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija qabel sar l-ezercizzju mill-konsultent. Huma kienu jafu bis-sahha tal-kumpanija meta xtraw parti mis-*shareholding* tal-kumpanija. Ghalhekk ir-raguni li issa gabu biex ma jonorawx il-ftehim li kienu lahqu ma' l-attur ma tregiex.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi
Tilqa' t-talba attrici
bl-ispejjez kontra l-konvenuti;
tichad il-kontrotalba tal-konvenuti;
bl-ispejjez kontra l-konvenuti;
u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------